MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Numru 958/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**VS**
**SHAUN COCOPARDO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Shaun Cocopardo ta’ 21 sena mwieled fis 17 ta’ Mejju 1988 Pieta bin Steven u Therese nee’ Abdilla u residenti f’no 31 Triq Guzeppi Callus Mosta detentur tal-karta tal-identita numru ID 235688M.

Illi hu akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn 1 u 2 ta’ Awwissu 2009 f’San Pawl il-Baharf’xi hin bejn nofsilejl u t-tlieta ta’ filghodu b’nuqqas ta’ hsieb bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti kkaguna offiza ta’ natura gravi liema offiza tal-gisem iddum ghal 30 gurnata jew izjed inkella ghal

daqshekk zmien zammet lill-offiz cioe’ Kristy Vassallo milli tmur ghax-xoghol.

Illi hu aktar wkoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi involuntarjament ghamel hsarat li huma aktar minn 23.33 Euros u anqas minn 2330 Euros fuq arblu ghad-dannu tal-Ene Malta Corporation.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-artikli ta’ l-Avkat Generali taht liema artikli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tat-21/7/2010 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti fol 62.

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dr. Mark Caruana a fol 8 et sequitur ikkonferma ic-certifikat minnu rilaxxat u cioe’ document MC fuq Kirsten Vassallo u kkonferma illi l-griehi li sofriet kienu fratturi tal-id leminija ftit il-fuq mill-minkeb u barxa fuq in-naha tax-xellug ta’ wiccha. Hu kkonferma illi l-griehi kienu gravi perdurata.

Kirsten Vassallo ta’ sittax-il sena xhedet illi kienet involuta fuq incident awtomobilistiku waqt illi kienet fil-car alfa romeo 33 misjuqa minn Shaun Cocopardo u li waqt illi kienu nezlin in-nizla ta’ Burmarrad baqghu dehlin go arblu. Hija xhedet illi kienet nofsha rieqda meta gara l-incident, taf illi semghet l-imputat jghid il-kliem “Ha nahbtu” u sehh l-impatt. Hija xhedet illi hija kienet bilqgheda fuq is-seat ta’ wara u ghaldaqstant ma tantx setghet tghid kif sehh l-incident. Fil-karozza fuq in-naha ta’ wara kien hemm

Ramsey habib tal-imputat, waqt illi habib iehor certu Dale kien qieghed fis-seat ta’ quddiem mal-imputat li kien qieghed isuq. Kirsten Vassallo xhedet illi kienet tirrikjedi operazzjoni li twettqet minn konsulent Jason Zammit u li kienet tirrikjedi t-tqeghid ta’ *metal plates*. Wara dan kien jehtigilha diversi sieghat ta’ fizjoterapija. In kontro ezami Kirsten Vassallo xhedet li l-imputat ma kienx ghaddej bi speed mghaggel.

PS 935 Patrick Cassar a fol 18 et sequitur ikkonferma li kien gie infurmat mill-control room li kien hemm incident tat-traffiku f’Burmarrad u li kien hemm karozza mahbuta ma’ arblu tad-dawl. PS Cassar acceda fuq il-post u sab il-passiggieri u x-xufiera barra mill-vettura DAD 689, issejhet l-ambulanza il-ghaliex passiggier minnhom kien ferut. Is-sewwieq tal-karozza infurmah illi waqt illi kien qieghed isuq niezel mill-Mosta lejn Burmarrad, ezatt fil-kervatura “il-karozza marritlu u baqa diehel f’arblu tad-dawl.”

L-okkurenza giet esebita u mmarkata bhala DOK PC. In kontro ezami PC Cassar ikkorega ruhu fis-sens illi xehed li l-impuat kien qallu illi kien illokjalu l-isteering.

Ramsey Bonnici a fol 25 ikkonferma illi kien qieghed fil-car tal-imputat Shaun Cocopardo u sejrin lejn Bugibba u ghaddew mit-triq ta’ Burmarad. Ramsey ikkonferma illi f’daqqa wahda sema l-isteering ifaqqa u llokjalu l-isteering u f’dan il-mument l-imputat beda jghajjat “Ha nahbtu”. Huwa kkonferma li Dale Meilaq u Kirsten Vassallo kienu passiggieri fis-seat ta’ wara tal-karozza. Ramsey Bonnici xehed illi l-imputat ma kienx ghaddej bl-ispeed, li huwa ma sofriex griehi izda Kirsten Vassallo kienet kisret idejha.

Dale Meilaq a fol 28 ikkonferma li kien fil karozza fis-seat ta’ wara flimkien mal-imputat li kien qieghed isuq u Ramsey. Illi huma kienu ghadhom kemm spiccaw ix-xoghol u kienu ser imorru sa Bugibba. Illi kif waslu n-nizla ta’ Burmarrad semgha lil Shaun jghid xi haga, hares lejn l-imputat u kif rega hares il-quddiem ra l-arblu tad-dawl u baqghu dehlin go fih. **Ftit qabel il-karozza telghet fuq il-bankina tal-istess lane. Dale innega li l-imputat kien qieghed isuq bl-ispeed.**

L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Therese Sciberas, esebiet stqarrija tal-imputat DOK TS1 u l-fedina penal ital-imputat DOK TS. Fl-istqarrija tieghu a fol 34 l-imputat stqarr: "Jiena kont qed insuq normali u ma kontx qed nghaggel. Kont niezel f'din it-triq u qbizna l-ewwel liwja. Meta gejna ghat-tieni liwja naf li llokjali l-isteering u l-karozza baqet sejra dritt. Ma stajt inwaqqafa b'xejn u lanqas indawwar l-isteering. Jiena kont xi zewg sekondi boghod mill-arblu. Spiccajna dhalna go arblu li kien jinsab fit-triq.

l-Ispettur Therese Schiberras a fol 45 iddikjarat li ma kienx sar sketch ta' dan l-incident.

Eric Montfort, addett mal-ufficju legali tal-EneMalta, ikkonferma illi l-hsarat fl-arblu tad-dawl iddanneggat fl-incident meritu tal-akkuza, kienu jammontaw ghal 798.4 Euros u esebixxa DOK EC.

Dr. Jason Zammit, Orthopedic and Trauma Surgeon Consultant a fol 56 ikkonferma illi Kirsten Vassallo kienet dahlet l-emergenza bi ksur tal-ghadma tad-driegh wara incident awtomobilistiku. Illi insegwitu tal-ezaminazzjonijiet preleminari, Kirsten Vassallo kienet giet operatha fejn gew inseriti pjanci u viti sabiex jassikuraw li tghaqqad l-ghadam. Illi wara dan, hija bidet tattendi ghall-fizjoterapija. Illi bhala konsegwenza Karsten Vassallo kellha cikatrici ta' bejn ghaxar u tnax centimetri fid-driegh taghha. Ikkonferma id-dokument JZ *case summary* tal-griehi li soffriet Kirsten Vassallo.

L-imputat Shaun Cocopardo kkonferma illi kien jahdem f'Restaurant u wara x-xoghol kien miftehem li jinzel sa Bugibba ma' shabu. Kif huwa nizel in-nizla ta' Burmarrad fit-tieni kisra li hemm f'din it-triq, ghal xi raguni kien illokjalu l-isteering tal-karozza tieghu alfa 33 hamra. Illi bhala konsekwenza ta' dan il-karozza kienet baqghet diehla go arblu tad-dawl. L-imputat iddikjara li huwa ma kienx ghaddej b'xi speed qawwi ghaliex fil-fatt f'dik il-parti tat-triq hemm *speed cameras*. Ikkonferma illi kien hemm tliett passigieri fil-karozza tieghu dak il-hin u cioe' Ramsey

Bonnici, Dale Meilaq u Kirsten Vassallo. L-imputat xehed li mal-impatt, kien intilef minn sensieh u meta gie f'tieghu sab ruhu l-isptar u sar jaf li Kirsten sofriet minn frattura f'idejja. Il-karozza kienet *total loss*. L-imputat ikkonferma li waqt il-hin tax-xoghol, seta' xorob birra. Ikkonferma illi l-incident gara 'il ghaliex illokjalu l-isteering u ma jafx kif dan gara. Jinnega illi huwa skidja qabel ma gara l-incident u li speed tieghu kien ta' 50KM/HR.

Ikkonsidrat:

L-imputat gie mixli b'sewqan traskurat u b'naqqas ta' hila u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, b'offizi involontarji ta' natura gravi fuq Kirsten Vassallo ai termini ta' Artikoli 225, 226 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**225. Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, nmeta jinsab hati il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hamest elef lira.**

**226. (1) Jekk minhabba l-fatti imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan issir offiza fuq il-persuna, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel-**
**(a) jekk l-offiza tkun gravi u ggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew multa mhux izjed minn elfejn lira;**
**(b) jekk l-offiza tkun gravi minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elf lira;**
**(c) jekk l-offiza tkun hafifa, il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet.**
**(2) Fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(c), il-procediment jista' jittiehed biss fuq il-kwerela tal-parti offiza.**

Il-Qorti pero' trid tezamina kemm -il darba dawn il-griehi gew ikkagunati minn sewqan traskurat jew b'nuqqas ta' hila jew bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku jew addirittura bi trasguragni grossulan jew *recklessness* li jwassal ghal sewqan perikoluz.

Illi mill-asjem tal-provi fuq prodotti jirrizulta b'mod car illi l-imputat Cocopardo kien qed issuq minghajr speed eccessiv fin-nizla ta' Burmarrad u jidher mill-provi (ara xhieda ta' Dale Meilaq) illi kif innegozzja t-tieni liwja huwa habat mal-bankina, tilef il-kontroll tal-karozza u baqa diehel go arblu tad-dawl. Il-Qorti temmen illi wara l-impatt mal-bankina, l-imputatt verament tilef il-kontroll tal-karozza u l-istering ma rrispondiex. Izda dan ma jekwiparax mal-tezi tal-imputat illi l-apparat tal-isteering illokkja u cioe' falla. Illi ebda prova minn ebda mekkanik ma gie prodott mill-imputat sabiex jiprova t-tezi tieghu almenu sal-grad ta' "on a balance of probability."

Il-provi fuq indikat ddelineaw xenarju li mhuwiex wiehed illi jirravizza fis-sewqan tal-imputat, dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan ta' natura straxnat, perikoluz jew ad direttura reckless:
*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Aldo Muscat**" [27.5.2004], jekk sewqan hux (i) negligenti; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App. Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo** [14.3.1959]; **Pul. vs. Wilson**, Vol.XXXIX p.1018 u **Pul. vs Alfred Vella**, Vol.XLIV; p.933] u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App.Krim. **Pul. vs Hardingham**, [19.10.1963]). Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** XXXIX p.1018). "Recklessness" gie defenita bhala "wilfully shutting one's eye". (App.Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina**, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri**, Vol.XLIV, p.892).*

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti temmen illi l-imputat li kien ghadu kemm spicca minn xoghol tieghu ta' waiter, kien ghajjien u din l-ghajja kienet kontribut kbir ghal kif gara l-incident u cioe' l-imputat habat mal-bankina u tilef il-kontroll tal-karozza tieghu u b'nuqqas ta' prudenza ordinarja li sewwieq jadopera biex jevita s-sinistri stradali.

Illi mix-xhieda tat-tobba Dr. Mark Caruana u l-konsulent Jason Zammit u c-certifikati u r-rapporti minnhom esebiti u mahlufa, jirrizulta sodisfacentament ipprovat illi l-griehi sofferti minn Kirsten Vassallo kienu dawk gravi perdunata ai terminu tal-artikolu 216 (1) d Kap 9.

Illi in oltre l-hsara involuntarja fuq l-arblu tad-dawl giet ammessa mill-imputat kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, liema hsara giet kwantifikata minn Eric Montfort fis-somma ta' 798.4 Euros (ara DOK EC).

Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Artiklu 225 u 226 u 216 (1) (d) u 328 tal-Kap 9 Artikolu 7 tal-Kap 446 tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' sena taht is-sorveljanza tad-direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu innonimat.

Il-fatti speci tal-kaz mhuwiex tali illi l-Qorti ghandha tissospendi l-licenzja tas-sewqan tal-imputat sicome il-kaz non si tratta ta' sewqan b'mod perikoluz u jew b'xi speed ecessiv.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lil Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------